**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit B.A. LL.D. M. Jur (Eu. Law)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 14 ta' Marzu 2017**

**Talba Nru: 523/16 CZ**

**Arthur's Garage Limited (C 9293)**

**vs.**

**Carmel Formosa**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fis-17 ta' Novembru 2016 fejn talbet lit-Tribunal jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas l-ammont ta' mitejn u disgha u erbghin Euro u wiehed u hamsin centezmu (€249.51), dovuti ghal dawn ir-ragunijiet:

Illi s-socjeta' rikorrenti tispecjalizza, fost affarijiet ohra, f'riparazzjonijiet u tiswijiet ta' karozzi.

Illi fl-ewwel (1) ta' Settembru, elfejn u hmistax (2015) l-intimat avvicina lis-socjeta' rikorrenti sabiex din ta' l-ahhar taghmel xi xoghlijiet fil-vetturi tieghu tat-tip Kia Sportage.

Illi dawn is-servizzi kienu jirrelataw ghal bdil ta' xi spare parts fosthom bozoz, gas ghall-'air conditioner', 'pressure switch', 'relay' u 'fuse holder' kif ukoll servizzi relatati mat-tiswija ta' l-'air conditioner' u dwal ta' l-istess vettura.

Illi l-ammont pagabbli mill-intimat ghall-imsemmi xoghol huwa dak ta' mitejn u disgha u erbghin Euro u wiehed u hamsin centezmu (€249.51) u dana skond il-fattura hawn annessa u mmarkata bhala Dok. A.

Illi minkejja l-fatt illi r-rikorrenti interpellat lil-intimati diversi drabi sabiex jersaq ghall-hlas tas-somma dovuta minnu huwa baqa' inadempjenti.

Ghaldaqstant kellha tigi intavolata l-kawza odjerna.

Ghaldaqstant, is-socjeta' attrici talbet bir-rispett lil dan it-Tribunal joghgbu jordna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' mitejn u disgha u erbghin Euro u wiehed u hamsin centezmu (€249.51) bl-interessi sad-data tal-pagament effettiv. Bl-ispejjez.

Ra li l-konvenut, debitament notifikat, ma pprezentax risposta u lanqas deher quddiem it-Tribunal fl-ebda seduta.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta tal-20 ta' Frar 2017.

Ra n-nota prezentata fit-3 ta' Marzu 2017.

Ikkunsidra l-fatt illi l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghall-Kapitolu. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa’ it-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mitejn u disgha u erbghin Euro u wiehed u hamsin centezmu (€249.51) bl-imghaxijiet legali kif mitluba sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez u drittijiet, ikunu a karigu tal-konvenut.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu’

Deputat Registratur